

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/225**tas-17 ta' Frar 2016****li jiffissal-volum massimu ta' prodotti għal kull Stat Membru u l-perjodu li fih jistgħu jitressqu applikazzjonijiet għal għajjnuna għall-ħżin privat ta' kwantitajiet ta' ċerti ġobnijiet li jifdal u li jibqgħu ma jintużawx, għajr dawk stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1852 tal-15 ta' Ottubru 2015 li jiftaħ skema temporanja eċċezzjonali ta' għajjnuna għall-ħżin privat ta' ċerti ġobnijiet u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajjnuna ⁽²⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1852 fetax skema temporanja eċċezzjonali ta' għajjnuna għall-ħżin privat ta' ċerti ġobnijiet u fissa bil-quddiem l-ammont ta' għajjnuna.
- (2) L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2015/1852 stabbilixxa l-15 ta' Jannar 2016 bħala l-aħħar data għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-għajjnuna.
- (3) L-Irlanda, Franza, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni dwar ix-xewqa tagħhom li jkomplu jagħmlu użu mill-iskema tal-għajjnuna għall-ħżin privat.
- (4) Wara l-15 ta' Jannar 2016 kien għad fadal kwantità ta' 68 123 tunnellata li ma ntużatx. Għalhekk ikun tajjeb li din il-kwantità tkun disponibbli għal dawk l-Istati Membri li wrew ix-xewqa tagħhom li jkomplu jagħmlu użu mill-iskema tal-għajjnuna għall-ħżin privat u li tiġi stabbilita l-kwantità għal kull Stat Membru, dejjem wara li jiġu kkunsidrati l-kwantitajiet li huma kienu diġà applikaw għalihom sal-15 ta' Jannar 2016.
- (5) Għandu jiġi stabbilit perjodu ġdid għat-tressiq tal-applikazzjonijiet.
- (6) Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852 għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-għajjnuna għall-ħżin privat għal ċerti ġobnijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni tal-iskema stabbilita minn dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Il-volum massimu ta' prodotti għal kull Stat Membru li huwa soġġett għall-iskema temporanja eċċezzjonali tal-għajjnuna għall-ħżin privat tal-kwantitajiet ta' ċerti ġobnijiet li jifdal u li jibqgħu ma jintużawx, kif previst fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852, huwa stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852 għall-implimentazzjoni tal-iskema għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 271, 16.10.2015, p. 15.

*Artikolu 2***Applikazzjonijiet għall-għajnuna**

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jitressqu minn dakinhar li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament. L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet hija t-30 ta' Settembru 2016.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Stat Membru	Kwantitajiet massimi (tunnellati)
L-Irlanda	4 127
Franza	6 340
L-Italja	27 025
Il-Litwanja	2 616
In-Netherlands	16 526
Il-Finlandja	694
L-Iżvezja	2 126
Ir-Renju Unit	8 669
Total	68 123